

Digriet tal-Qorti Ĝeneralis tas-6 ta' Novembru 2014 – ANKO vs Il-Kummissjoni(Kawża T-17/13)⁽¹⁾

[“Klawżola ta’ arbitraġġ — Seba’ Programm Qafas dwar l-aktivitajiet ta’ riċerka, ta’ żvilupp tehnoloġiku u ta’ dimostrazzjoni (2007-2013) — Kuntratt li jikkonċerna l-proġett Pocemon — Rimbors tas-somom antiċipati — Ittra li tħabbar il-ħruġ ta’ nota ta’ debitu — Ittra ta’ tfakkira — Nuqqas ta’ interess ġuridiku — Inammissibbiltà”]

(2015/C 016/58)

Lingwa tal-kawża: il-Grieg

Partijiet

Rikorrenti: ANKO AE Antiprosopeion, Emporiou kai Viomichanias (Ateni, il-Greċja) (rappreżentant: V. Christianos, avukat)

Konvenuta: Il-Kummissjoni Ewropea (rappreżentanti: R. Lyal u A. Cordewener, aġenti, assistiti minn S. Drakakakis, avukat)

Suġġett

Rikors ippreżentat skont l-Artikolu 272 TFUE, intiż sabiex il-Qorti Ĝeneralis tikkonstata, l-ewwel nett, li r-rikorrenti ma hijiex obbligata tirrimborsa s-somma kollha li l-Kummissjoni ħallsitha għall-proġett Pocemon, konkluż fil-kuntest tas-Seba’ Programm Qafas dwar l-aktivitajiet ta’ riċerka, ta’ żvilupp tehnoloġiku u ta’ dimostrazzjoni (2007-2013), it-tieni nett, li r-rikorrenti ma hijiex obbligata tħallas kumpens f’somma f’daqqa għall-imsemmi proġett, it-tielet nett, li l-Kummissjoni ma hijiex intitolata tiproċedi għall-kumpens tas-somom dovuti minnha lir-rikorrenti.

Dispożittiv

- 1) Ir-rikors huwa miċħud bħala inammissibbli.
- 2) ANKO AE Antiprosopeion, Emporiou kai Viomichanias hija kkundannata għall-ispejjeż.

⁽¹⁾ ĠU C 79, 16.03.2013.

Digriet tal-Qorti Ĝeneralis tas-6 ta' Novembru 2014 – ANKO vs Il-Kummissjoni(Kawża T-64/13)⁽¹⁾

[“Klawżola ta’ arbitraġġ — Sitt Programm Qafas dwar l-aktivitajiet ta’ riċerka, ta’ żvilupp tehnoloġiku u ta’ dimostrazzjoni (2002-2006) — Kuntratt li jikkonċerna l-proġett Doc@Hand — Rimbors tas-somom antiċipati — Ittra li tħabbar il-ħruġ ta’ nota ta’ debitu — Nuqqas ta’ interess ġuridiku — Inammissibbiltà”]

(2015/C 016/59)

Lingwa tal-kawża: il-Grieg

Partijiet

Rikorrenti: ANKO AE Antiprosopeion, Emporiou kai Viomichanias (Ateni, il-Greċja) (rappreżentant: V. Christianos, avukat)

Konvenuta: Il-Kummissjoni Ewropea (rappreżentanti: R. Lyal u A. Cordewener, aġenti, assistiti minn S. Drakakakis, avukat)

Suġġett

Rikors ippreżentat skont l-Artikolu 272 TFUE, intiż sabiex il-Qorti Ĝeneralis tikkonstata, l-ewwel nett, li r-rikorrenti ma hijiex obbligata tirrimborsa s-somma li l-Kummissjoni ħallsitha għall-proġett Doc@Hand, konkluż fil-kuntest tas-Sitt Programm Qafas dwar l-aktivitajiet ta’ riċerka, ta’ żvilupp tehnoloġiku u ta’ dimostrazzjoni (2002-2006) u, it-tieni nett, li r-rikorrenti ma hijiex obbligata tħallas kumpens f’somma f’daqqa għall-istess proġett.

Dispożittiv

- 1) Ir-rikors huwa miċħud bħala inammissibbli.
- 2) ANKO AE Antiprosopeion, Emporiou kai Viomichanias hija kkundannata għall-ispejjeż.

⁽¹⁾ ĠU C 86, 23.03.2013.

Digriet tal-Qorti Ġeneral tal-11 ta' Novembru 2014 – Nguyen vs Il-Parlament u l-Kunsill

(Kawża T-20/14) ⁽¹⁾

("Rikors għal annullament — Riforma tal-istatut tal-uffiċjali tal-Unjoni Ewroprea u tal-kondizzjonijiet tal-impieg applikabbi għall-aġenti l-oħra tal-Unjoni — Kondizzjonijiet inqas favorevoli fil-qasam tal-ħlas fil-forma ta' somma f'daqqa tal-ispejjeż tal-ivvjaġġar u taż-żieda tal-leave annwali permezz ta' jiem ta' leave addizzjonali għal raġuni ta' distanza — Nuqqas ta' interess individwali — Responsabbiltà mhux kuntrattwali — Rabta kawżali — Rikors parzjalment manifestament inammissibbli u parzjalment manifestament kompletament infondat fid-dritt")

(2015/C 016/60)

Lingwa tal-kawża: il-Franċiż

Partijiet

Rikorrenti: Huynh Duong Vi Nguyen (Woluwe-Saint-Lambert, il-Belġju) (rappreżentant: M. Velardo, avukat)

Konvenuti: Il-Parlament Ewropew (rappreżentanti: L. Visaggio u E. Taneva, aġenti); u l-Kunsill tal-Unjoni Ewropea (rappreżentanti: M. Bauer u A. Bisch, aġenti)

Suġġett

Minn naħa, talba għall-annullament, ippreżentata abbażi tal-Artikolu 263 TFUE, tal-Artikolu 1(65)(b) u (67)(d) tar-Regolament (UE, Euratom) Nru 1023/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, tat-22 ta' Ottubru 2013, li jemenda r-Regolamenti tal-Persunal għall-Uffiċjali tal-Unjoni Ewroprea u l-Kondizzjonijiet tal-Impieg ta' Aġenti Oħra tal-Unjoni Ewroprea (ĠU L 287, p. 15), safejn dawn id-dispożizzjonijiet jorbtu d-dritt għar-imbors tal-ispejjeż ta' vjaġġ annwali u l-leave għal raġuni ta' distanza għal dan il-vjaġġ mal-allowance tal-espatriazzjoni jew tar-residenza barranija, u, min-naħħa l-oħra, talba għal kumpens ibbażata fuq l-Artikolu 340 TFUE, maħsuba għall-kumpens għad-danni materjali u morali allegatament subiti mir-rikorrenti.

Dispożittiv

- 1) Ir-rikors huwa miċħud.
- 2) Huynh Duong Vi Nguyen għandha tħalli, minbarra l-ispejjeż tagħha, l-ispejjeż esposti mill-Parlament Ewropew u l-Kunsill tal-Unjoni Ewropea.
- 3) Ma hemmx lok li tingħata deċiżjoni fuq it-talba għal intervent mill-Kummissjoni Ewropea.

⁽¹⁾ ĠU C 112, 14.04.2014.